V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10197 — CSS/Visana/Zur Rose/medi24/WELL JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 140/03)

1. Fit-13 ta' April 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CSS Holding AG ("CSS", l-Isvizzera),

— Visana Beteiligungen AG ("Visana", l-Isvizzera),

— Zur Rose Group AG ("Zur Rose", l-Isvizzera),

— medi24 AG ("medi24", l-Isvizzera), ikkontrollata minn Allianz SE, kif ukoll

— WELL Gesundheit AG ("WELL", l-Isvizzera).

CSS, Visana Zur Rose u medi24 jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' WELL.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CSS u s-sussidjarji tagħha joffru assikurazzjoni għall-kura tas-saħħa, assikurazzjoni u supplimentari kontra l-inċidenti u assikurazzjoni tal-proprjetà fl-Isvizzera,

— Visana u s-sussidjarji tagħha joffru assikurazzjoni obbligatorja għall-kura tas-saħħa, supplimentari u assikurazzjoni tal-proprjetà u assikurazzjoni kontra l-inċidenti fl-Isvizzera,

— Zur Rose hija spiżerija u suq online għal prodotti tas-saħħa u l-kura personali li normalment jinbiegħu fi spiżeriji,

— medi24 ċentru ta' kompetenza telemedika bl-i*status* ta' prattika medika Swizzera,

— WELL se tkun attiva l-iżvilupp u t-tħaddim ta' pjattaforma diġitali għas-suq Svizzeru.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10197 — CSS/Visana/Zur Rose/medi24/WELL JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Europäische Kommission
Generaldirektion Wettbewerb
Registratur Fusionskontrolle
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.